**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 345/2019 AGV**

**AB (ID Nru: 43473M)**
**Vs**
**CB ( ID nru: 325263M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB (ID nru: 43473M) tal- 24 ta' Lulju 2019, fejn ppermettiet u pprezentat is-segwenti;

Illi l-partijiet izewwgu fis- 7 ta' Dicembru 1992, ara dok MA 1;

Illi minn daz-zwieg twieldu tlett itfal, u cioe' D, E u F nhar it- 8 ta' Lulju 1993, 22 ta' Settembru 1995 u fid- 19 ta' Mejju 2000, rispettivament, illum ilkoll maggorenni b' dana illi F li ghandha illum 19-il sena ghadha studenta;

Illi r-rekwizit ghall-prunanzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

i. Illi l-partijiet ilhom separati sa mil- 21 ta' Frar 2005 in forza ta' kuntratt redatt min-Nutar Jeanette Laferla Saliba ara kuntratt tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok MA 2.
ii. Illi ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li llum il-gurnata qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;
iii. Illi CB ma hallasx manteniment ghal F ghal dal-ahhar hames snin, pero' mhux qed tippretendi hlas ghal dal-manteniment;

4. Illi dawn il-fatti huma debitament kkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok. MA 3;

Illi ghal-finijiet tal-artikoul 66 N(1) (a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f' Malta.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u / jew provvediment opportuni a tenur tal-artikolu 66 A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat mill-partijiet fis-7 ta' Dicembru 1992;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' CB datata 26 ta' Settembru 2019 fejn ikkonferma ;

1. Illi l-esponenti jikkonferma li l-partijiet izzewwgu nhar is-7 ta' Dicembru 1992, u dan fis-Santwarju tal-Qalb ta' Gesu' Zebbug (Malta), u dan kif

jidher mic-certifikat taz-zwieg anness mal-istess rikors promutur DokMA1.

2. Ili minn daz-zwieg twieldu tlett tfal , D, E u F, li llum huma ilkoll maggorenni ;
3. Illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Jeanette Laferla Saliba datat 21 ta’ Frar 2005, isseparaw legalment ghalhekk ghaddew iktar minn 4 snin mid-data tas-separazzjoni legali ;
4. Illi l-esponenti dejjem hallas ghall-bzonnijiet tat-tfal sakemm lahqu l-eta’ maggorenni;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, kap. 16 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
7. Illi ghalhekk il-mittenti mhux qed jopponi ghat-talbiet attrici.

Rat id-dokumenti esebiti;

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**